**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 22 ta` Settembru 2015**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Daryl Borg)**

**Vs**

**DANIEL-JOHN GALEA**

**Kump.Nru. 111/2009**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat Daniel-John Galea detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 397481(M), gie akkuzat talli nhar is-7 ta' Dicembru 2008 ghall-habta tat-03:00 a.m. waqt li kont gewwa l-Hugo's Club li jinsab gewwa Triq San Gorg, San Giljan, volontarjament hassart jew gharraqt hwejjeg haddiehor u cioe` mera ghad-dannu ta' Ugo Chetcuti, liema hsara teccedi aktar minn €116.47;

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tal-11 ta` Frar 2009 sabiex din il-kawza tinstema u tigi deciza bil-procedura sommarja (ara *folio* 4);

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda u ta` l-imputat moghtija bil-gurament;

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi f'dan il-kaz, meta wiehed jasar ir-rizultanzi processwali isib illi l-Qorti hi rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti. Il-prosekuzzjoni tallega illi fil-lejl in kwistjoni, f'kuntest ta` kommossjoni li kien hemm gewwa l-fond Hugo's Bar f'Paceville, u waqt li l-imputat kien qed jinhareg 'l barra minn tali fond, huwa volontarjament kisser mera b'daqqa ta` ponn, u kkawza dannu materjali. Minn naha tieghu l-imputat jichad bil-qawwa kollha din l-allegazzjoni u jallega li meta huwa kien qieghed jinhareg 'l barra minn tali fond mill-bouncers tal-post, tant kienu goffi u wzaw tant forza mieghu illi effettivament l-mera nkisret meta huma habbtuh maghha.

**Ikkunsidrat;**

Il-principju hu illi hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha 'l hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni. F'dan il-kaz hemm certament kunflitt fil-provi. Mhux kull konflitt fil-provi necessarjament igib bhala konsegwenza l-liberazzjoni ta` persuna imputata. Il-Qorti li tkun trid tidhol fil-fond u trid tara min mix-xhieda huwa l-aktar kredibbli u liema hi l-verzjoni li l-aktar ghandha mis-sewwa. Hafna drabi, u hekk hu fil-kaz odjern, tkun prova wahda partikolari li tizblokka s-sitwazzjoni u taghti lill-Qorti r-risposta li tkun qed tfittex biex tkun tista tasal ghad-dikjarazzjoni tal-htija jew ghall-liberazzjoni.

F'dan il-kaz, hija l-prova permezz tac-certifikat mediku u ta` l-affidavit tat-Tabiba Arlene Bonello, li tista titqies bhala centrali ghar-rizoluzzjoni tal-kawza. Il-feriti konstatati – ***tenderness over right side of skull*** – jaghtu konfort lill-verzjoni ta` l-imputat u bl-ebda mod ma jikkonfortaw il-verzjoni tal-prosekuzzjoni. Ic-certifikat mediku ma jikkorroborax dak li allega Isaac Chetcuti illi kien l-imputat, li b'daqqa ta` ponn, kisser il-mera. Ebda ferita fuq il-ponn ta` l-imputat ma giet riskontrata. Ghall-kuntrarju, ic-certifikat mediku jikkorrobora l-verzjoni ta` l-imputat u cioe` illi l-mera nkisret meta l-bouncers flimkien ma Isaac Chetcuti habbtuh bil-forza mal-mera in kwistjoni u kien hawn meta din inkisret.

Il-kaz tal-prosekuzzjoni ghahekk ma giex ippruvat skond il-ligi.

**Konkluzjoni.**

**Ghall-motivi premessi l-Qorti ssib u tiddikjara lil Daniel John Galea mhux hati ta` l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u minnha tilliberah skond il-ligi.**